MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 168/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Cope**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Christopher Cope, karta ta' l-identita` numru 21776(A), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Marzu 2009 għall-ħabta ta' 09:20hrs fi Triq Ta' Hemsija, Attard, waqt li kien qiegħed jaħdem ta' *taxi driver* bit-'Taxi-Car' Nru. KTY-152, naqas li jixgħel/iħaddem it-*taxi-meter* waqt li kien qiegħed iġorr il-passiġġieri waqt kirja.

Il-Qorti ġiet mitluba li, barra milli tagħti l-piena, tordna li l-imsemmi Christopher Cope jiġi skwalifikat mil-liċenzja ta' *taxi-car* kif ukoll tordna l-konfiska tal-imsemmija *taxi-car* għal perijodu ta' żmien kif stabbilit fl-artikolu 16A(6)(a) tal-Kapitolu 65;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christopher Cope hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu multa ta' elfejn ewro (€2,000), filwaqt li ssospendietlu l-liċenzja ta' *taxi driver* għal perijodu ta' sitt (6) xhur, ikkonfiskat il-vettura KTY-152 għal perijodu ta' xahar u ordnat li tliet punti jitnaqqsu mil-liċenzja tiegħu, dan a tenur ta' l-artikolu 16A(5)(6)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Avviż Legali 15/89;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Christopher Cope ppreżentat fit-18 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull piena u imputazzjoni; u sussidjarjament f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu, li l-piena inflitta tiġi varjata b'dan illi jingħata piena inqas severa minn dik inflitta mill-ewwel Qorti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "1. Illi l-esponent ihossu aggravat mill-mod kif l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti mressqa quddiemha. Illi x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe` z-zewg EOs xehdu li kienu qeghdin fejn ir-roundabout tal-Hemsija, H'Attard meta f'hin minnhom raw lill-esponent gej bit-taxi-car tieghu min-naha tal-Mosta u waqqfuh. <u>L-esponent waqaf regolarment u l-istess EOs xehdu li raw il-meter jixghel.</u> Fix-xhieda taghhom qalu li fit-taxi kien hemm zewg turisti li qalulhom li l-imputat kien gabarhom minn roundabout fil-Mosta. Meta l-istess enforcement officers staqsew lit-turisti fejn kienu alloggjati dawn wegbuhom li kienu qaghdu fir-Riviera Hotel u li kienu telghu sal-Mosta bir-rotta tal-linja numru 45 u mbaghad qabdu t-taxi in kwistjoni. Illi madanakollu, ghalkemm l-Enforcement Officers kellmu lil dawn iz-zewg persuni ma hadulhom l-ebda partikolarijiet.
>
> "Illi l-istess Enforcement Officers xehdu li huma marru bil-mutur taghhom minn fejn waqqfu t-taxi in kwistjoni sa hdejn ir-roundabout li jahsbu li t-turisti kienu qed jirreferu ghaliha u sabu li kien hemm distanza ta' 1.2 km.
>
> "Illi kif inhu risaput, il-meter ta' taxi idawwar ic-cifra inizjali li tirregistra u cioe` dik ta' Eur 3.49 wara l-ewwel kilometru. Dan ifisser illi jekk it-taxi tkun ghada fit-tragitt tal-ewwel kilometru, il-meter jibqa' juri Eur 3.49 u kien ghalhekk li l-Enforcement Officers sabu li kien registrat biss it-tariffa inizzjali u mhux ghaliex kif qalet l-Ewwel Qorti illi l-meter inxteghel mill-esponent fil-mument li twaqqaf mill-Enforcement Officers. Illi ma ngabet l-ebda minimu ta' prova dwar dak li rrilevat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha u cioe` li 'haddem biss tali meter fil-mument illi twaqqaf mill-ufficjal tal-Awtorita`'. Anzi l-istess ufficjali xehdu li meta huma waqqfuh <u>il-meter kien jixghel</u>.

"Illi l-esponent jissottometti wkoll illi l-ezercizju li ghamlu l-Enforcement Officers ghall-kalkolu tad-distanza mir-roundabout li tigi l-eqreb wahda ghal dik in kwistjoni ma kienx wiehed korrett ghax huma hadu l-punt ta' tluq tat-tragitt in kwisjoni minn fejn dehrilhom huma minghajr ma talbu lill-esponent, jew lit-turisti, sabiex imorru maghhom u juruhom ezattament minn fejn rikbu. Ghalhekk il-fatt li t-tul tat-tragitt kien vicin hafna tal-kilometru ghandu jimmilita favur it-tezi tal-esponent u mhux vice versa. Kwindi f'dan l-aspett l-Ewwel Qorti ghamlet kemm apprezzament hazin tal-fatti kif prezentati quddiemha u kif ukoll naqset li tapplika korrettement in-norma penali dwar ic-certezza morali li ghandu jkollu gudikant biex isib htija fil-persuna akkuzata b'reat.

"2. Illi fit-tieni lok l-esponent ihossu wkoll aggravat fis-sens illi huwa ma kellux jinstab hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu stante li kif xehdu l-istess Enforcement Officers huma raw il-meter jixghel meta waqqfuh. Huma ssuponew li ma kienx jixghel qabel ghax kien qed jaqra Eur 3.49 li huwa c-cifra li l-meter juri meta jixghelu. Illi jekk wiehed jaqra t-test tal-ligi jsib illi persuna tkun hatja tar-reat dedott taht l-artikolu 16A(1)(5) jekk *"waqt li tkun qed iggorr passiġġieri f'taxi-car tonqos li thaddem it-taxi-meter waqt xi kirja, jew titlob xi ammont li jkun izjed minn nol korrett, jew tikser is-sigilli tat-taxi-meter"*

"Illi ghalhekk l-akkuza kif dedotta ma setghet qatt tirrizulta stante li l-istess Enforcement Officers xehdu li fil-fatt il-meter <u>kien qed jahdem</u>. Kwindi l-Ewwel Qorti naqset milli tinterpreta l-ligi in konsonanza mal-fatti li kellha quddiemha, liema interpretazzjoni korretta kellha twassal ghal-liberazzjoni tal-esponent mill-imputazzjoni fil-konfront tieghu.

"3. Illi iktar minn hekk, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tordna l-konfiska tat-taxi in kwistjoni u dan stante li l-istess taxi ma gietx esebita formalment waqt il-proceduri u dan in linea ma' decizjonijiet tal-Qrati taghna fosthom **Il-Pulizija vs Francis Aquilina et** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Lulju 1995 fejn intqal: ***"Essendo konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, il-prassi fil-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' dawn il-Gzejjer dejjem kienet li anqas hemm bzonn li tali konfiska tigi espressament imsemmija fis-sentenza ghax tali konfiska ssehh awtomatikamet purche`, naturalment, li jikkonkorru l-elementi l-ohra msemmija <u>u l-istrument in kwistjoni jkun gie esebit taht l-awtorita` tal-Qorti.</u>"*** Kwindi anke minn dan il-lat is-sentenza impunjata hija legalment monka.

"4. Illi finalment, u bla pregudizzju ghal dak hawn fuq sottomess, jekk din il-Qorti jidhrilha li l-akkuza kif dedotta tirrizulta, l-esponent ihossu altament aggravat bil-piena inflitta fuqu u cioe`:-

a. Multa ta' Eur 2000
b. Xahar konfiska tat-taxi
c. 3 punti tnaqqis minn fuq il-licenzja tal-esponent
d. Sitt xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-esponent

"Illi l-esponent jaghmel referenza ghal ghadd ta' kawzi simili fejn imputati li nstabu hatja tar-reat dedott fil-konfornt tieghu inghataw sentenzi <u>ferm aktar miti</u>

minn dik inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti. Bizzejjed wiehed isemmi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Olivari** u **Il-Pulizija vs Saviour Caruana fejn fiz-zewg kazi, fuq akkuzi identici ghal dawk moghtija lill-esponenti, gew inflitti multa ta' Eur 120 u Eur 117 rispettivament. Illi meta wiehed iqabbel dawn il-multi ma' dik imposta fil-kaz odjern, u cioe` dik ta' Eur 2.000, ma jista' jsib l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghaliex l-Ewwel Qorti akkaniet ruhha daqstant b'dan il-mod mal-esponent. Illi filwaqt li l-esponent japprezza li l-Ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni li timponi multa, ikun tassew ingust li dwar l-istess reat zewg persuni jinghataw pieni daqstant differenti minn xulxin.**

"Illi inoltre, giet inflitta fuq l-esponent skwalifika tal-licenzja ghal zmien sitt (6) xhur. Tenut kont li x-xoghol tal-esponent huwa ta' taxi-driver u li jaqla' l-hobza ta' kuljum minn dan ix-xoghol l-esponent jirritjeni li tali skwalifika wkoll kienet wahda esagerata. Ghal darb'ohra meta l-iskwalifika tal-esponent titqabbel mal-iskwalifika inflitta fiz-zewg kazijiet su citati, hemm diskrepanza enormi minghajr ebda gustifikazzjoni kwalunkwe.

"Illi fl-ahharnett, kif gia` gie spjegat, l-esponent huwa impjegat bhala xufier tat-taxi. Kwindi xogholu mhux biss jiddependi mis-sewqan imma iktar minn hekk se jidhol f'piz kbir jekk it-taxi tigi konfiskata peress li hija tal-imghallem tieghu.

"Kwindi fir-rigward tal-piena, jekk din il-Qorti thoss li ghandha zzomm ferm id-decizjoni taghha dwar il-htija, certament din ghandha tigi temperata ghal wahda inqas severa u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u in vista ta' decizjonijiet simili moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta."

**6.** Mill-provi jirriżulta illi meta l-appellant twaqqaf mill-*enforcement officers*, il-*meter* tiegħu kien mixgħul. Miegħu kellu żewġ passiġġieri li huwa kien se jwassal l-ajruport. X'qalu dawn iż-żewġ passiġġieri lill-appellant mhuwiex se jitqies minn din il-Qorti stante li hu biss *hearsay*. Skond l-*enforcement officers*, l-appellant indikalhom *roundabout* minn fejn kien tella' lil dawn iż-żewġ passiġġieri. L-*enforcement officers* qagħdu fuq dak li qalilhom l-appellant u kejlu bil-muturi tagħhom id-distanza mill-imsemmi *roundabout* sa fejn kienu waqqfuh u sabu li d-distanza kienet kilometru u mitejn metru. Kieku l-appellant xegħel it-*taxi meter* hekk kif kien se jibda l-vjaġġ tiegħu, wara kilometru l-*fare* fuq il-*meter* kien jaqleb. Dan ma ġarax u għalhekk din il-Qorti tqis li l-provi ċirkostanzjali jindikaw illi l-*meter* ma nxtegħelx mill-ewwel. Konsegwentement is-sejbien ta' ħtija sejra tiġi konfermata.

**7.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti tosserva illi l-artikolu 16A tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta ġie miżjud (allura bħala l-artikolu 15A) permezz ta' l-Att XII tas-sena 1984. Dan l-artikolu ġie emendat permezz ta' l-Avviż Legali 408/2007 (Ordni ta' l-2007 dwar l-Adattament tal-Liġijiet (Kapitoli 51 - 100)) meta saret il-konverżjoni tal-Lira Maltija għall-euro, u permezz ta' l-Att V tas-sena 2011 meta sar tibdil sostanzjali fil-pieni. Il-każ in kwistjoni seħħ fl-2009 u għalhekk il-pieni applikabbli huma dawk applikabbli fl-2009 stante li dawk viġenti fid-

data tas-sentenza appellata kienu pieni akbar u skond l-artikolu 27 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta: **"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."**[1]

**8.** Kwantu għall-konfiska, it-*taxi* ma ġietx esebita fl-atti u għaldaqstant mhijiex se tiġi konfermata l-konfiska.

**9.** Din il-Qorti qieset ukoll mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant illi mill-25 ta' April 2008 l-appellant ma kellux *convictions* oħra.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal multa ta' elfejn ewro (€2,000), filwaqt li ssospendietlu l-liċenzja ta' *taxi driver* għal perijodu ta' sitt (6) xhur, ikkonfiskat il-vettura KTY-152 għal perijodu ta' xahar u ordnat li tliet punti jitnaqqsu mil-liċenzja tiegħu, u minflok tikkundannah għal multa ta'€116.47 u tissospendi l-liċenzja tiegħu ta' *taxi driver* għal perijodu ta' xahar millum; tikkonfermaha għal dik li hi ħtija.

[1] (6) Kull persuna Ii tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja –

(a) għall-ewwel reat multa ta' mhux inqas minn €116.47 izda mhux iżjed minn €232.94 mitt lira Maltija u l-konfiska tat-*taxi-car* għal perijodu ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur u l-iskwalifika milli jkollha liċenza tas-sewqan tat-*taxi-car* għall-istess perijodu;
(7) Il-konfiska tat-*taxi-car* kif provdut fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu titwettaq irrispettivament jekk min jaghmel ir-reat ikunx is-sid ta' dik il·vettura bil-mutur, jew l-impjegat jew is-sostitut tiegħu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------